**15 ta' Novembru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbblika ta' Malta

*versus*

Gioacchino *sive* Jack Pace et

**Digriet Interlokutorju fil-Kors tal-Ġuri – Inappellabilità**

*Wara li l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le u sa meta l-istess akkużat ikun ġie misjub ħati fuq att ta' akkużat m'hemm lok għal ebda*

*appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali billi l-liġi ma tikkontemplax appelli matul dan il-perijodu, u mhux leċitu li l-Qorti tikkonferixxi dritt ta' appell meta l-leġislatur ma jkunx ta dan id-dritt.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' akkuża numru 14 ta' l-1984;

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru 1988 irreġistrat waqt l-udjenza ta' dak in-nhar fil-kors tal-ġuri fl-ismijiet premessi quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali li minnu jirriżulta:

1) Illi l-Avukat Dr. J. Mifsud għall-akkużat Pace in vista tax-xiehda ta' P.S. 465 John Agius fejn għamel riferenza għall-okkorrenzi li hemm fl-għassa tal-Pulizija tal-Belt għall-perijodu Jannar 1981 sa April 1981, liema okkorrenzi x-xhud qal li kkonsulta qabel ma ġie biex jagħti x-xiehda tiegħu quddiem dik il-Qorti, talab li għal skop ta' verifika u kontroll tax-xiehda ta' l-istess P.S. John Agius li l-istess okkorrenzi jiġu prodotti quddiem dik il-Qorti u jkunu aċċessibbli wkoll għad-difiża;

2) L-Avukat Dottor Farrugia assoċja ruħu;

3) Illi Dr. Silvio Camilleri għall-Prosekuzzjoni rrileva illi x-xhud li saret riferenza għalih mid-difiża semma biss, iddikjara li hu fil-fatt ikkonsulta ruħu biss ma' l-okkorrenza waħda biss li ċjoè dik f'riferenza għal dik ta' Petroni għalkemm apparentement seta' kien hemm xi okkorrenzi oħra li però qatt ma rriżulta mid-deposizzjoni tax-xhieda li dawn l-okkorrenzi l-oħra jekk kien hemm kienu l-okkorrenzi għar-rigward ta' l-imputazzjonijiet mertu ta' dan l-att ta' l-akkuża. Illi għalhekk jekk id-difiża dehrilha li kellha bżonn tipproduċi l-okkorrenzi riferibbilment għall-imputazzjonijiet mertu ta' dan l-att ta' l-

akkuża messha indikat ix-xhud rilevanti biex jipproduċi dawn l-okkorrenzi fiż-żmien previst mil-liġi;

Rat id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-11 ta' Novembru, 1988 li bih billi kkunsidrat "illi dan mhux l-istadju li fih wieħed għandu jistad għall-provi" ċaħdet *it-talba* b'dan li awtorizzat lill-Dottor Mifsud okkorrendo fil-presenza tal-Prosekutur li jara l-okkorrenzi kollha li għandu bżonn;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat Gioacchino *sive* Jack Pace li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-digriet tal-Qorti Kriminali appellat u tilqa' t-talba tiegħu billi tawtorizza u tordna li fil-ġuri fil-kawża fl-ismijiet premessi jiġu prodotti l-okkorrenzi fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt, Valletta għall-perijodu minn Jannar sa April 1981;

Rat il-verbal tal-bieraħ stess minn fejn jirriżulta li l-Qorti ssollevat ex *officio* l-kwistjoni jekk l-appell preżenti setax isir fl-istadju li fil-fatt sar;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur ta' l-appellant u ta' Dr. Silvio Camilleri għall-Avukat Ġenerali fuq il-kwistjoni ssollevata *ex officio* mill-Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi waqt it-trattazzjoni d-difensur ta' l-appellant għamel diversi *sottomissjonijiet* in sostenn tat-teżi tiegħu u essenzjalment qiegħed isostni li appelli minn kwistjonijiet ta' ammissibilità ta' provi jistgħu jsiru kemm mill-akkużat kif ukoll mill-prosekuzzjoni fi kwalunkwe stadju tal-ġuri. L-istess difensur irrefera wkoll għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 499(1) tal-Kodiċi Kriminali (Kap.

9 Riveduta) u ssottometta li dan l-artikolu għandu jiġi interpretat f'dan is-sens;

Illi l-kwistjoni ta' l-appellabilità o meno f'każijiet ta' digrieti li jingħataw mill-Qorti Kriminali fil-kors tal-ġuri wara li l-akkużat ikun wieġeb jekk hux ħati jew le diġà ġiet deċiża minn din il-Qorti fis-sentenzi tagħha *in re* Repubblika ta' Malta *vs* Joseph Hallet mogħtija fit-23 ta' Frar 1988 u *in re* Repubblika ta' Malta *vs* Anthony Mifsud deċiż fl-10 ta' Ġunju 1985;

Fit-termini ta' din il-ġurisprudenza bbażata fuq il-liġi, wara li l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le u sa meta l-istess akkużat ikun ġie misjub ħati jew le u sa meta l-istess akkużat ikun ġie misjub ħati fuq att ta' akkuża m'hemm lok għal ebda appell lil din il-Qorti, billi l-liġi ma tikkontemplax appelli matul dan il-perijodu, u mhux leċitu li l-Qorti tikkonferixxi dritt ta' appell meta l-leġislatur ma jkunx ta dan id-dritt;

Għal dawn il-motivi tiddikjara li l-appell ta' l-akkużat Pace huwa irritu u null.